DISPREZZ

PROVA PERMEZZ TA' KONTRO-EZAMI

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 1186/2015/LSO**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Paul Caruana (ID 753360(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali datat 14 ta' Dicembru 2015 fejn bil-gurament tieghu Emanuel Sciriha ID 22361(M) espona: -

IIIi permezz ta' rikors ipprezentat fit-8 ta' Lulju 2014 minn Madliena Village Limited (C2702) u Madliena International Limited (C34987) fl-atti tal-Mandat t'lnibizzjoni numru 1734/13 AF (kopja tar-rikors qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok 1), l-istess Madliena Village Limited et talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors, tiddikjara li l-intimat Paul Caruana agixxa direttament bi ksur tal-Ordni tal-Qorti imposta permezz ta' Digriet tat-3 ta' Dicembru 2013 (kopja annessa bhala Dok 2) u tiehu kull azzjoni lilha kompetenti kontra l-istess intimat.

IIIi fir-rikors sudett, l-istess Madliena Village Limited et ippremettew:

(a) illi permezz ta' Digriet tat-3 ta' Dicembru 2013 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba taghhom ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati sabiex izzomm l-istess milli b'xi mod jew personalment jew tramite terzi, joholqu pizijiet jew drittijiet rejali u/jew personali taht kwalunkwe titolu kemm oneruz jew gratuwitu fuq, jew b'xi mod jokkupaw jew jghaddu l-fond ossia *penthouse* 709/710 sitwat fil-livell numru hamsa fil-blokk maghruf bhala '70's' tal-kumpless Madliena Village, Triq il-Fortizza,

Madliena, limiti tal-Gharghur, f'idejn terzi u dan pendenti l-ezitu tal-appell fl-ismijiet MAC Properties Limited vs Madliena Village Limited (768/10SM) u f'kaz li l-appell jintlaqa' sakemm tigi deciza finalment l-istess kawza.

(b) Illi permezz ta' kawza fl-ismijiet inversi Madliena Village Limited et vs Paul Caruana et (1195/13 MCH) l-istess socjetajiet talbu li l-intimati jigu inibiti b'mod permanenti milli jokkupaw l-imsemmija proprjeta` u/jew jghadduha f' idejn terzi jew b'xi mod iehor joholqu pizijiet fuqha.

(c) Illi qabel il-hrug tal-mandat t'inibizzjoni l-intimat kien kera l-fond in kwistjoni lill-Ambaxxata Olandiza bla approvazzjoni tas-socjeta` rikorrenti bhala sid il-fond.

(d) Illi wara li l-istess Ambaxxata ma baqghetx aktar tokkupa l-fond, inhareg il-mandat t'inibizzjoni sudett u l-proprjeta` baqghet vojta sakemm fis-26 ta' Gunju 2014 l-intimat Paul Caruana beda jgorr l-ghamara fil-fond u okkupah personalment oltre li terzi persuni bdew ukoll ikunu fil-fond.

(e) Illi b'dan l-agir Paul Caruana agixxa bi ksur tal-ordni tal-Qorti sudetta.

Illi permezz ta' decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni sudett numru 1734/13 AF fl-ismijiet Madliena Village Limited et vs Caruana Paul et datata 10 ta' Awwissu 2014 (annessa bhala Dok 3) din l-Onorabbli

Qorti, wara li rat l-atti kollha ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz.

Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni qed isir dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tliet mija u tletin ewro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerijia flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paul Caruana detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 753360M datata 10 ta' Gunju 2016 (fol 24) fejn ikkonferma :-

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti irid jipprova dak allegat minnu sal-grad rikjest mil-ligi specjalment fid-dawl tal-fatt illi l-proceduri odjerni ta' disprezz huwa ta' indoli kriminali u ghalhekk iridu jinkorru kemm l-element fattwali kif ukoll l-element intenzjonali. Dan ifisser ghalhekk illi sabiex il-kawza odjerna tirnexxi r-rikorrenti irid jipprova dak allegat minnu *beyond reasonable doubt* (*Vide* Id-Direttur Qrati Civili u Tribunali vs Andrew Agius et).

2. Illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta permezz tal-mandat *de quo* datat tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ordnat lill-intimat milli jzomm b'xi mod jew personalment jew tramite terzi milli jinholqu xi pizijiet jew drittijiet reali u/jew personali taht kwalunkwe titolu kemm oneruz jew gratuwitu fuq il-fond ossia *penthouse* bin-numri seba' mija u disgha u sebgha mija u ghaxra (709/710) sitwat f'livell numru hamsa fil-blokk maghruf bhala '70s' tal-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Triq il-Fortizza Madliena limiti tal-Gharghur. Illi l-intimat jirrileva illi huwa bl-ebda mod ma ghabba l-fond in kwistjoni b'xi piz u/jew b'xi mod iehor ippregudika d-drittijiet u ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-ordni kif imposta fuqu;

3, Illi inoltre u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat esponenti jirrileva illi huwa minn qabel id-digriet *de quo* kien jokkupa u kellu l-pussess tal-propjeta' in kwistjoni u ghalhekk zgur illi ma jistax jinghad illi huwa kiser volontarjament id-digriet in kwistjoni. Illi l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha ma obbligatx jew ma ordnatx lill-esponenti sabiex johrog mill-fond in kwistjoni allavolja kienet konxja tal-fatt illi huwa jirrisjedi f' dak il-fond. Fil-fatt, il-Qorti fil-hrug tal-mandat odjern ma llimitatx l-uzu li huwa seta' jaghmel mill-fond in kwistjoni basta l-esponenti ma jaghmilx xi att li b'xi mod jew iehor jippregudika l-eventwali sid tal-propjeta' wara li tinqata' l-kawza fil-mertu. Illi ghalhekk l-esponenti zgur illi ma kellux l-*animo* illi ma josservax l-ordnijiet moghtija minn dina l-Qorti u wisq inqas ma kellux l-*animo* illi jisfida l-ordnijiet tal-Qorti halli jikser l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi kif se jirrizulta ahjar waqt il-mori tal-proceduri anzi l-esponenti intimat ghamel minn kollox sabiex jobdi rigorozament l-ordnijiet moghtija minn dina l-Qorti kif diversament presjeduta.

4. Illi *di piu'* jigi rilevat illi l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kien biss intiz sabiex jipprojbixxi l-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni lil terzi u mhux tal-intimat esponenti fil-kapacita' personali tieghu li dejjem kien u baqa' fil-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fil-fatt dan johrog sahansitra mid-dicitura tad-digriet fejn il-Qorti stess ipprovdiet illi:

*Din il-Qorti, sakemm tigi finalment deciza l-vertenza dwar il-proprjeta' tal-fond de quo, il-fond m'ghandux jigi mghobbi, ghar-raguni li jekk dan jithallas isir, bhal per ezempju bil-lokazzjoni tieghu, lil terzi, dan jirrizulta ta' pregudizzju ghal dak li eventwalment jigi dikjarat sid il-fond.*

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Frar 2017 (fol 35) fejn Dr Noel Bartolo talab li jigu allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1743/13/AF, u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-istess atti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis 30 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Noel Bartolo ghad-Direttur (Qrati Civili u Tribunali). L-intimat imsejjah tliet darbiet ma deherx. Il-Qorti rat l-ahhar verbal tat-12 ta' Ottubru 2017 u rat li l-intimat m'ghamel xejn fil-mori. Il-Qorti ghalhekk halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza ta' disprezz kontra l-Awtorita` tal-Qorti istitwita *a tenur* tal-**artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li l-intimat allegatament agixxa bi ksur tal-

Mandat ta' Inibizzjoni impost permezz ta' digriet datat 3 ta' Dicembru 2013.

*In linea* difensjonali, l-intimat laqa' billi sostna li dak allegat irid jigi ppruvat peress li jrid jikkonkorri l-element intenzjonali, oltre` l-element fattwali. Gie sostnut ukoll, li hu ma ghabbiex il-fond in kwistjoni b'xi piz, b'hekk ma kisirx l-ordni imposta. Inoltre`, gie eccepit, li hu kien diga jokkupa l-imsemmi fond qabel inghata d-digriet *de quo*, u m'hemmx limitazzjonijiet ghall-uzu li hu seta' jaghmel fl-istess digriet *de quo*. *Di piu`*, gie eccepit, li l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo* kien intiz biex jipprojbixxi l-okkupazzjoni tal-fond lil terzi u mhux tal-intimat fil-kapacita` personali tieghu.

Il-**fatti** fil-qosor huma, li permezz ta' Digriet moghti fuq ir-rikors ghal-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1734/13AF, fl-ismijiet **Madliena Village Limited (C2702) u Madliena International Limited (C34987) vs Paul Caruana u MAC Properties Limited (C36025)** datat 3 ta' Dicembru 2013, l-intimat odjern gie, flimkien mas-socjeta' Mac Properties Limited, pprojbit milli:

*"b'xi mod, jew personalment jew tramite terzi, joholqu pizijiet jew drittijiet reali u/jew personali, taht kwalunkwe titolu kemm oneruz jew gratuwitu fuq, jew b'xi mod jokkupaw jew jghaddu f'idejn terzi l-proprjeta': a) Il-fond, ossia penthouse, bin-numri seba' mija u disgha u sebgha mija u ghaxra (709/710), sitwat f'livell numru hamsa fil-blokk maghruf bhala '70s' tal-kumpless maghruf bhala*

*Madliena Village, Triq il-Fortizza, Madliena, limiti tal-Gharghur."*

Jirrizulta li qabel il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni in kwstjoni, l-intimat kien kera l-fond in kwistjoni lill-Ambaxxata Olandiza, minghajr approvazzjoni tas-sid, u wara li l-istess Ambaxxata Olandiza ma baqghetx tokkupa l-fond, beda jgorr l-ghamara u beda jokkupa l-imsemmi fond hu personalment.

**Provi:**

**Michael James Bennet** xehed permezz ta' affidavit (fol 30-31) u qal hu Direttur tas-socjeta` Madliena International Limited, li hija proprjetarja tal-penthouse numru 709/710, f'Madliena Village Fortizza Road Madliena. Semma li gew isititwiti proceduri fil-konfront ta' Paul Caruana, biex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni peress li hu kien ittrasferixxa l-godiment tal-imsemmija proprjeta`. Qal li jirrizulta li l-Mandat ta' Inibizzjoni kien intlaqa' provizorjament fil-11 ta' Novembru 2013, u kkonfermat fit-3 ta' Dicembru 2013. Spjega li sussegwentement ghall-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fond *de quo* baqa' battal ghal ftit zmien sakemm fis-26 ta' Gunju 2014, gie nfurmat li Paul Caruana dahhal ghamara u qed joqghod fl-imsemmi fond. Zied ighid, li meta mar hu personalment ihabbat il-bieb tal-fond *de quo*, fetah Paul Caruana li qallu li hu kien fil-fond u li ma kienx ikkoncernat bil-Mandat ta' Inibizzjoni. Illi ssussegwentement ghar-rikors ipprezentat biex jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' Paul Caruana, inhareg digriet datat 10 ta' Awwissu 2014, li ordnaw proceduri ta' disprezz kontra Paul Caruana. Qal ukoll, li Paul Caruana ghadu jirrisjedi hemm,

u ttellghu brikks tal-*concrete* biex inbniet kamra fuq il-bejt tal-imsemmija *penthouse*.

Xehed ulterjorment (fol 36-37) u qal li xejn ma nbidel minn dakinhar li xehed fl-affidavit, Paul Caruana ghadu jirrisjedi fl-imsemmi fond, u l-vettura tieghu dejjem tinsab ipparkjata barra l-imsemmija *penthouse*, u hu jinnutah regolarment diehel u hiereg fl-imsemmija *penthouse*, peress li hu joqghod, fl-istess kumpless, vicin hafna.

Illi r-rikorrent ghalaqa il-provi fis-seduta tad-9 ta' Frar 2017 u l-kawza giet differita ghall-provi tal-intimat ghat-23 ta' Marzu 2017. F'dik is-seduta deher il-konvenut assistit minn Dr Mark Refalu li talab aktar zmien biex iressaq l-affidavits tieghu. Din it-talba intlaqghet u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Mejju 2017 fejn saret l-istess talba li giet akkolta, u ghat-12 ta' Ottubru 2017 fejn il-konvenut inghata differiment ghall-ahhar darba ghat-30 ta' Novembru 2017 u fin-nuqqas li jressaq provi, gie verbalizzat li l-provi tieghu jigu dikjarati maghluqa.

F'dik id-data l-intimat ma deherx u ma ressaqx provi u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali u applikazzjoni ghall-*kaz de quo*:</u>**

Illi l-proceduri odjerni gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Awwissu 2014, u dan a tenur tal-**artikolu 997 tal-Kap 12**, li jipprovdi:

*1. "Fi procedimenti istitwiti ghal xi att jew ommissjoni li tammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, il-hati jista' mal-kundanna, jigi kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew ghal multa u prigunerija flimkien.*

*2. Il-Qorti tista' ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi zmien bizzejjed ghal dan il-ghan izda f'ebda kaz aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tigi stabbilita mill-Qorti; u jekk min jaghmel ir-reat jonqos milli jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, hu jehel penali ta' ammenda ta' mhux anqas minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) u mhux aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) kif il-qorti tistabilixxi ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien imsemmi."*

Jinghad fl-ewwel lok, il-procediment ta' disprezz mhuwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-ommissjoni tieghu) ksur ta' ordni moghtija lilu. Jirrizulta, li r-rikorrent, f'dan il-kaz qieghed jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jinbdew dawn il-proceduri.

Fit-tieni lok, jigi ritenut, li l-procedura ghal disprezz hija mahsuba sabiex thares ir-rispett li ghandu jingieb lejn il-

Qorti. Il-ksur tal-ordni tal-Qorti tikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li bis-sahha taghha tkun inghatat.

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

*"Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem* **Lord Denning** *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt."* ***Bramblevale Limited – 1970.*** *(Ara* ***Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali Civili vs Mark Debono et,*** *P.A. (124/2009) - 9 ta' Gunju 2010;* ***Registratur tal-Qrati Civili vs Kristinu Giordmaina****, P.A. (878/1999/1) - 25 ta' Settembru 2003).*

Illi minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, billi juri l-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-Awtorita` tal-Qorti. Difatti, din l-azzjoni hija ta' natura penali, anke jekk il-procedura ssehh quddiem il-Qrati Civili. (Ara **Portelli vs Cachia et**, App. Kumm. (**Kollez. Vol. LXXV.ii.526).**

Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru *et***", Appell, 28 ta' Frar

1997 illi "l-*istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti* leza *hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti."*

Huwa minnu li **fl-artikolu 873(4) tal-Kap 12** hemm disposizzjoni espressa tal-ligi, li tghid x'ghamla ta' sanzjoni jwassal mieghu l-ksur ta' ordni bhal din. Illi din is-sanzjoni taghti rimedju lill-parti li favur taghha jkun inhareg il-Mandat u ghalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni taghti lok ukoll ghat-tmexxija 'l quddiem ta' proceduri kif mahsuba fit-Titolu XVII tal-Kap.12.

Illi fil-gurisprudenza nostrana, gie ribadit, li min jinsab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, anke jekk agixxa b'dak il-mod minhabba raguni li wiehed jista' jissimpatizza maghha, jew bil-fehma li kellu jedd jagixxi kif agixxa, xorta wahda jkun hati ta' disprezz. (Ara **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima noe**, P.A. (182/2000/1) – 25 ta' Settembru 2003). Illi dan il-principju huwa applikabbli sahansitra meta l-Mandat ta' Inibizzjoni jkun milqut minn difett li jaghmlu ma jiswiex, u sakemm tali Mandat ma jkunx gie mhassar u jkun ghadu *in vigore*. (Ara **Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**, Appell Civili – 2 ta' Ottubru 1997).

Illi l-intimat, tramite l-eccezzjonijiet tieghu qed jikkontendi, li hu ma aggravax l-imsemmi fond bl-ebda piz, u b'hekk ma

mexiex kontra l-ordni tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo*. Inoltre`, gie sostnut, li l-ksur tal-ordni tal-Qorti jrid jigi ppruvat.

F'dan il-kuntest, jigi osservat, li Michael James Bennet, residenti fl-istess kumpless tal-imsemmi fond, jghid evidentement, li jara lil Paul Caruana regolarment diehel fl-imsemmi fond. Inoltre`, kien hu stess li mar ihabbat il-bieb tal-fond *de quo*, u fetah l-istess Paul Caruana, li rrispondieh li hu mhuwiex ikkoncernat bl-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni. Jigi osservat, li Paul Caruana, wara li nghata l-opportunita` mill-Qorti biex jixhed permezz ta' affidavit, u biex itella' xhieda permezz ta' affidavits sabiex jirribatti dak sostnut, naqas milli jaghmel dan. Ma gie prodott l-ebda xhud iehor u kwindi ma tressqu l-ebda provi sussegwentement ghall-eccezzjonijiet tal-intimat Caruana, sabiex jirribattu dak sostnut mid-Direttur rikorrent. Inoltre`, lanqas ma sar kontro-ezami ta' Michael James Bennet, kif *del resto* kellu dritt li jaghmel l-intimat.

Illi, kif inghad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali[1], ukoll jekk jiehdu s-sura ta' proceduri civili.

Illi dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skont il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[2].

---

[1] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[2] App. Civ. **8.6.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

Illi applikati dawn il-principji ghal fattispeci ta' dan il-kaz il-Qorti tasal biex tghid illi l-mottivi li jwasslu persuna biex iggib ruhha b'mod li jidher li qieghed jisfida ordni ta' Qorti jistghu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-"animus" tal-persuna mixlija b'disprezz. Minbarra dan inghad ukoll li f'kazijiet bhal dawk li jirrigwardaw il-hrug ta' Mandati ta' Inibizzjoni, l-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bhal dawk tal-Qorti jigu obduti u li kienu x'kienu r-ragunijiet li wasslu lill-intimat biex agixxa kontra dak l-ordni m'ghandhomx ikunu raguni tajba biex dak il-ksur jigi skuzat.[3]

Illi inoltre *stante* l-indoli partikolari ta' dawn il-proceduri, jispetta lir-rikorrent li jipprova l-kaz *beyond reasonable doubt.* Huwa mehtieg ukoll li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta' Qorti kienet taf li qeghda taghmel hekk[4],

Illi f'kazijiet bhal dawn fejn baqa' ma sarx kontro-ezami tax-xhud Michael James Bennet, din il-Qorti ser tistrieh fuq ix-xhieda moghtija, li ma giet bl-ebda mod ikkontestata u ribattuta. Gie ritenut li fejn parti jonqos milli jaghmel kontro-ezami ta' xhud dan ifisser li kien qiegħed jaċċetta dak li jistqarru jew jaħseb li jista' jwaqqa' dik ix-xhieda bil-verżjoni tiegħu.[5]

---

[3] P.A. **14.3.1936** fil-kawza fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol. **XXIX. ii.1023**)
[4] Ara Kumm. Sentenza **9.1.1936** fil-kawza fl-ismijiet ***Mallia noe vs Dowling*** (Kollez. Vol **XXIX.iii. 207**)
[5] **George Cauchi v Arnold Farrugia et (PA- JRM - 5 ta' Ottubru 2017).**

Illi jingħad fid-duttrina li: "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In* ***Bircham****, for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*"[6].

Jigi pprecizat ukoll, li t-talba ghall-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1743/13 tistipula hekk:

"…..*hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex izzomm lill-istess milli b'xi mod, jew personalment, jew tramite terzi, joholqu pizijiet jew drittijiet reali u/jew personali, taht kwalunkwe titolu kemm oneruz jew gratuwitu fuq, jew b'xi mod jokkupaw jew jghaddu l-fond ossija penthouse, bin-numru seba' mija u ghaxra (709/710), sitwat f'livell numru hamsa fil-blokk maghruf*

[6] *Murphy On Evidence* (Oxford University Press, 8th Edition, 2003) paġ. 597

*bhala 70's tal-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Triq il-fortizza Madliena, limiti tal-Gharghur, f'idejn terzi persuni u dan pendenti l-ezitu tal-appell fl-ismijiet MAC Properties Limited vs Madliena Village Limited (768/10SM).”* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, l-argument tal-intimat Paul Caruana li hu ma aggravax l-imsemmi fond b'pizijiet, ma jregix ghaliex it-talba ghall-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni, kif fuq citat, ma ssemmix biss pizijiet izda tmur oltre` minn hekk u tindika specifikatament li ma jistax jokkupa u joqghod fil-fond *de quo*. Illi r-rikors kif mitlub, intlaqa' mill-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2003, Dok 2 esebit a fol 7 u 8 tal-process.

Permezz tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, l-intimat sostna, li l-mandat iprojbixxa l-okkupazzjoni tal-fond minn terzi u mhux tal-intimat innifsu fil-kapacita tieghu personali. Huwa ssottometta fit-tielet eccezzjoni, li l-Qorti kienet konsapevoli li hu kien qed jirrisjedi f'dak il-fond, u l-Mandat *de quo* ma llimitax l-uzu li hu seta' jaghmel fil-fond.

Illi b'dan l-istess intimat qieghed jammetti li kien qed jokkupa l-fond anke wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontrih. Ghaldaqstant dak iddikjarat fir-risposta guramentata tieghu jikkorrobora l-fatt tal-okkupazzjoni tieghu u isostni t-tezi tar-rikorrent u dak li xehed Michael James Bennett . L-intimat eccepixxa li kien qed jokkupa l-fond anke qabel ma inhareg il-Mandat u jargumenta li l-Qorti ma ordnatlux jivvaka l-fond. Difatti minn ezami tal-atti tal-Mandat mhuwiex kontradett li l-*penthouse* kienet fil-pussess tas-socjeta' Mac Properties Limited sakemm baqa' fis-sehh konvenju bejn din is-socjeta' u s-socjeta' rikorrenti

Madliena Village Limited, l-awtur fit-titlu ta' Madliena International Limited. Dan huwa wkoll premess fir-rikors ghall-hrug tal-Mandat in mertu.

Madanakollu l-Qorti xorta ghaddiet biex tiddegreta r-rikors minghajr ma ghamlet l-ebda eccezzjoni favur l-intimat ghall-allegat okkupazzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti tqies li minn qari ta’ dawn l-eccezzjonijiet, hija palesi l-ammissjoni tal-intimat rigward l-okkupazzjoni tal-imsemmija *penthouse* u jsegwi li huwa ma mexiex in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti li ordnat il-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1734/13. Inoltre l-kliem testwali tat-talbiet dedotti fir-rikors ghall-hrug tal-mandat li kollha gew milqugha ma jhallix l-ebda dubbju dwar l-interpretazzjoni taghhom.

Din il-Qorti hija tal-fehma li gie ppruvat, li l-intimat Paul Caruana ma aderixxiex ruhu mal-Mandat ta’ Inibizzjoni in kwistjoni,xjentement u b'dispett lejn l-awtorita' tal-Qorti u konsegwentement tikkundannah ihallas multa ta’ elf ewro (€1000), *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kap 12.**

## III. KONKLUZJONI

Illi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u ghalhekk:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent** u ssib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi kiser l-ordni moghtija

minn din il-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 2013 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1734/13AF;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u wara li rat l**-Artikoli 997 tal-Kap. 12** u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-intimat ihallas multa ta' elf ewro (€1000);

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jizgombra mill-fond *ossia penthouse* 709/710 sitwat fil-livell numru hamsa fil-blokk maghruf bhala '70's' tal-kumpless Madliena Village, Triq il-Fortizza, Madliena, limiti tal-Gharghur u fin-nuqqas jehel penali ta' ammenda ta’ tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta’ Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta’ Marzu 2018**